DIVIZJONI WIRT

EKWIPARAZZJONI

PERIT TEKNIKU

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 12**
**Citazzjoni Numru : 252/1980/1 LSO**

**Antoinette mart Paul Barberi**

**vs**

**Julian Bonello u l-ahwa Bonello – Carmelo, Joseph, Mary mart John Ambrogio, Emanuel, Rita mart David Roe, Irene mart Joseph Galea, Helen, Teresa, Doreen,**

**u Julian u Pierre minorenni rapprezentati minn missierhom l-istess Julian Bonello u b' digriet tat-12 ta' Mejju 2009 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna tal-konvenuti Carmelo Bonello, Joseph Bonello, Mary mart John Ambrogio, Emanuel Bonello, Rita mart David Roe, Nazzarena *sive* Irene mart Joseph Galea, Helen Bonello, Tereza mart David Degabriele, Julian Bonello u Pierre Bonello *stante* l-mewt ta' Julian Bonello**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Marzu 1980 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn esponiet: -

Billi l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-ewwel konvenut imsemmi, Julian Bonello u martu Marianna nee` Mercieca spiccat mal-mewt ta' din tal-ahhar li grat fl-20 ta' Jannar 1979;

Illi peress illi l-attrici u l-konvenuti l-ohra kollha, barra l-imsemmi missierha Julian Bonello, huma t-tnax (12) l-eredi ugwali tal-imsemmija ommhom Marianna, billi din mietet minghajr testment;

Illi peress illi l-attrici ma tridx li tibqa’ fi stat ta' kommunjoni la ma missierha u lanqas ma hutha;

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Julian Bonello u martu Marianna nee` Mercieca li spiccat fl-20 ta' Jannar 1979;

2. Tordna d-divizjoni tal-istess billi tassenja nofsha lill-istess Julian Bonello u n-nofs l-iehor lill-attrici u l-hdax il-konvenut, iIkoll ahwa Bonello;

3. Tordna d-divizjoni f’tnax-il parti ugwali tal-imsemmi nofs li kien jappartieni lil Marianna Bonello nee` Mercieca;

4. U tassenjaha parti lill-attrici u parti ugwali lil kull wiehed u wahda mill-hdax-il konvenuti hutha - dodicezima (1/12) parti lil kull wiehed u wahda mill-ahwa Bonello, tfal tal-konvenut Julian Bonelio u Marianna nee` Mercieca - l-attrici u l-konvenuti, l-ohra, f'din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 19 ta' Marzu 1980 (fol 5) fejn esponew illi :-

*In linea* preliminari li peress li t-taxxa tas-successjoni tad-decujus Marianna Bonello ghadha mhix likwidata u ghalhekk mhix imhallsa t-taxxa relattiva *a tenur* tal-Artikolu 41 (2) tal-Att tal-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni ma jistax jigi pubblikat l-att ta' divizjoni mitlub mill-attrici u ghalhekk id-domanda tal-attrici hija intempestiva;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti ma jopponux ruhhom ghad-domandi attrici izda fil-likwidazzjoni tas-sehem spettanti lill-attrici ghandha ssir l-imputazzjoni u kollazzjoni tad-dota li hija rceviet fl-okkazjoni taz-zwieg taghha minghand il-ġenituri taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-30 ta' April 1980.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 1985 (fol 33) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament preseduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Billi din il-kawza ghandha storja relattivament twila (qatt ma jidher hadd) tant li fl-ahhar verbal tal-1 ta' Ottubru 1984 hemm imnizzel kategorikament li jekk fis-seduta li kien imiss ma jidher hadd il-kawza kellha tithalla *Sine Die* u peress li l-istess

haga kienet grat fit-8 ta' Mejju 1985, u peress li fis-seduta tal-lum rega' ma deher hadd; tibqa' differita *Sine Die.*

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta' Frar 1986 a fol 34 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghal data stabbilita sabiex jixhed il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, biex il-kawza tkun tista' tibda u tispicca; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Mejju 1986, u dan kif jidher bid-digriet moghti fl-14 ta' Frar 1986 (fol 35).

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 1994 (fol 82) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza la dehret l-attrici, imsejha ghal aktar minn tliet darbiet, u lanqas l-Avukat taghha. Inghata digriet: il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors tal-attrici datata 15 ta' April 1994 a fol 84 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tiddeferixxi din il-kawza ghal data ohra; u l-Qorti kif diversament presjeduta rat li r-rikors ma kienx a konjizzjoni taghha meta fis-seduta tal-15 ta' April 1994 hija kancellat l-itsess kawza minn fuq il-lista. Ghaldaqstant irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' April 1994 u iddiferixxiet l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghat-22 ta' April 1994 kif jidher bid-digriet tad-19 ta' April 1994 (fol 85).

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 1994 (fol 86) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presejduta fejn meta ssejhet il-kawza aktar minn darba, la dehru l-attrici u

lanqas l-avukati taghha. Il-Qorti rat l-artikolu 199(1) tal-Kodici Kap 12 u hassret il-kawza minn fuq il-lista a spejjez tal-attur.

Rat ir-rikors tal-attrici datata 6 ta' Mejju 1994 (fol 87) fejn talbet lill-Qorti joghgobha terga' tirriappunta l-kawza ghas-smigh *ai termini* tal-procedura civili; u l-Qorti kif diversament presjeduta, minkejja illi jidher li dan sar *fuori termine* effettivament huwa sostituzzjoni ta' rikors iehor li kien sar *entro termine* u cioe` fid-29 ta' April 1994 pero` kien sar zball fir-rikors. Ir-rigorosita` tal-ligi fejn jidher it-termini mhux intizi biex tippunixxi wkoll zball genwin. Ghal dawn ir-ragunijiet laqghet it-talba u regghet appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Gunju 1994 u tissejjah fid-9:00am. Ghandha ssir notifika tal-konvenuti ghas-spejjez tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 1996 (fol 128) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr Mangion ghall-konvenut informa l-Qorti illi llum l-ammont dovut bhala taxxa tas-successjoni tad-decuius Marianna Bonello jinsab definittivament likwidat u ghaldaqstant il-konvenuti qeghdin jirtiraw l-ewwel eccezzjonijiet preliminari taghhom.

Rat ir-rikors tal-attrici Antoinette Barberi datata 20 ta' Gunju 2001 a fol 179 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuna tal-konvenuti Carmelo Bonello, Joseph Bonello, Mary mart John Ambrogio, Emanuel Bonello, Rita mart David Roe,

Nazzarena sive Irene mart Joseph Bonello u Pierre Bonello, wara li taghti l-opportun provvediment.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 25 ta' Gunju 2013 a fol 610 tal-process.

Rat is-surroga a fol 619 tal-process, datata 13 ta' Frar 2014, fejn din il-kawza giet differita ghall-4 ta' Marzu 2014 u assenjata biex tinstema' quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici Antoinette mart Paul Barberi datata 29 ta' Settembru 2007 a fol 638 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 16 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Dominic Cassar ghall-attrici prezenti u Dr Joseph Zammit u Dr Rutter Giappone ghall-konvenuti prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit, Dr Dominic Cassar u Dr Rutter Giappone, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30a.m.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta datata 23 ta' Novembru 2017 fejn : il-Qorti, wara li giet infurmata li t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni orali li saret fl-ahhar seduta ma gietx registrata fuq is-sistema eletronika, tirrikjama l-kawza ghall-25 ta' Jannar 2018 fil-10:45am sabiex issir tali trattazzjoni mill-gdid.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 25 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Lara Cassar ghar-rikorrenti prezenti u Dr Joseph Zammit ghall-intimati prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' din l-azzjoni, l-attrici qed titlob il-qsim tal-wirt ta' ommha Marianna Bonello, sabiex tigi ordnata d-divizjoni tat-tnax-il parti ugwali tas-sehem li kien jappartjeni lil Marianna Bonello, sabiex tigi assenjata parti lill-attrici u parti ugwali ta' dodecizima parti lil kull wiehed u wahda mill-ahwa Bonello.

Illi l-intimati laqghu preliminarjament, li l-kawza hija intempestiva *stante* li t-taxxa ta' Marianna Bonello ghadha mhijiex likwidata u mhix imhallsa *ai termini* tal-artikoli 41 (2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Mewt u d-Donazzjoni. Din l-eccezzjoni giet irtirata fil-mori *stante* li giet regolarizzata t-taxxa fuq il-mewt tad-decujus. Illi fil-mertu ghalkemm, m'hemmx oggezzjoni ghat-talba tal-attrici, sakemm issir l-imputazzjoni u l-kollazzjoni tad-dota li hija rceviet.

**Fatti:**

Jirrizulta li Marianna Bonello mietet fl-20 ta' Jannar 1979. Illi wara tentattivi, sabiex l-attrici tiehu sehemha mill-wirt ta' ommha li mietet intestata, sfaw fix-xejn, ipprocediet bil-kaz odjern. Fil-mori ta' dan il-kaz, miet il-missier Julian Bonello fit-28 ta' Marzu 2001, kif jidher mic-certifikat tal-mewt a fol 181 tal-process, u l-wirt tieghu jinsab regolat b'testment datat 23 ta' Lulju 1996 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini esebit a fol 182 *et sequens* tal-process. Ghalhekk, l-atti gew trasfuzi f'isem il-konvenuti Carmelo Bonello, Joseph Bonello, Mary mart John Ambrogio, Emanuel Bonello, Rita mart David Roe, Nazzarena sive Irene mart Joseph Galea, Helen Bonello, Tereza mart David Degabriele, Julian Bonello u Pierre Bonello, permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 12 ta' Settembru 2001.

**Provi:**

**Antoinette Barberi** xehdet permezz ta' affidavit (fol 96-97) u qalet, li hi r-raba' wild ta' Giljan u Marianna Bonello, u li kellha tieqaf mill-iskola biex tghin fin-negozju ta' missierha, u meta tgharrset lil zewgha wkoll kien ighin fin-negozju u qal ma thallsux tax-xoghol li kienu ghamlu. Semmiet li rceviet Lm500 bhala dota. Spjegat li qabel giet iffurmata l-kumpanija Wembley Motors, li fiha missierha ommha u hutha s-subien kienu azzjonisti, inbieghu l-karozzi kollha u nxtraw vetturi f'isem hutha subien. Qalet li ma' missierha ma tantx setghet tiddjaloga minghajr biza', u meta ppruvat

titkellem mieghu biex tirranga kollox u kellmet avukat izda ma sar l-ebda ftehim, saret taf li l-unika triq hi li tiftah kaz kontra l-werrieta ta' ommha defunta. Ziedet tghid li wara l-mewt ta' ommha Wembley Motors bieghet u kriet postijiet, u hi qatt ma nghatat xejn. Qalet li l-familja ghandhom zewg villel kbar go Santa Marija Estate li wahda tinkera, u l-ohra juzawha l-ahwa ghal xahar kull wiehed.

**L-attrici** xehdet ulterjorment (fol 285-287) (fol 426-427)[1] qalet li ommha mietet fl-20 ta' Jannar 1979, u hi istitwiet dan il-kaz fl-1980. Spjegat li malli mietet ommha kienet kellmet lil missierha biex tbiddel il-post fejn kienet qed toqghod li kien bla kera, missierha kien qalilha li kollox kien f'idejn Carmelo, u meta staqsiet lil Carmelo qalilha li ma kienx possibbli. Illi wara l-mewt tal-mama taghha, hi kienet kellmet lill-avukat Giuseppe Mifsud Bonnici, li kien kellem lil missierha tliet darbiet izda baqghet minghajr risposta. Spjegat li qatt ma nghatat informazzjoni dwar il-wirt ta' ommha u lanqas kellimha hadd rigward id-denunzja. Qalet li sussegwentement huha Carmelo kien informaha li l-Perit David Pace kien se jaghmel stima minhabba s-successjoni, u meta qalet li hi ma qablitx ma' din l-istima, inqala' l-inkwiet u ma baqghetx tmur id-dar ta' missierha.

Hi esebiet Dok AB u AB, ittri lil missierha, Dok AB2 u Dok AB3 kopji ta' ricerki ta' testmenti sigrieti ta' ommha Marianna Bonello, Dok AB4, certifikat tal-mewt ta' ommha, u Dok AB5, sett ta' ricerki ufficjali tal-attiv u l-passiv ta' Turista Ltd, Wembley Motors Ltd. u Julian Bonello.

[1] Seduta tat-13 ta' Frar 2003; Seduta tat-22 ta' Mejju 2003

Esebiet ukoll Dok AB6, kopja tal-Memorandum and Articles ta' Turista Ltd. u ta' Wembley Motors Ltd.

**Gemma Debono** Registratur tal-Qorti qalet, (fol 150-153)[2] li hi ghamlet l-indagini u kkomunikat ma' Dr. Alex Perici Calascione, il-Perit li kien nominat, li gie sotitwit, izda l-inkarigu tieghu gie terminat. Illi rrizulta li l-process intilef u promettiet li taghmel il-verifiki kollha sabiex jinstab.

Il-**Perit David Pace** xehed (fol 205-206)[3] li fir-rapport tieghu, fejn il-proprjeta` numru 1 u 3 gew indikati bhala mikrija, u hu ma kellux jaghti l-valur taghhom fuq is-suq izda kellu jzomm ir-relattivita` bejn valur ta' post u iehor.

**Carmelo Bonello** xehed (fol 207-208) (fol 261-263)[4] u qal li fiz-zmien tal-mewt ta' l-omm l-ishma kienu f'isem il-missier u dawn kienu ta' "Wembley Motors" u "Turista Ltd." Qal ukoll li fid-data tal-mewt ta' ommu, ma kien hemm ebda proprjeta` tas-socjeta mikrija lil terzi, izda l-proprjeta` l-ohra kienet mikrija. Hu pprezenta Dok CB l-*accounts* ta' Wembley Motors sal-31 ta' Marzu 1979, Dok CB1 l-*accounts* tal-kumpanija sal-31 ta' Marzu 1978, Dok CB2, l-*accounts* ta' Turista Ltd. sat-30 ta' Gunju 1978, Dok CB3, l-*accounts* ta' Turista Ltd. sat-30 ta' Gunju 1979. Esebixxa wkoll kuntratt Dok CB4, dan il-kuntratt sar qabel il-mewt ta' l-omm, fejn giet akkwistata l-villa "Tirna Nog", 379, f'Santa Marija Estate, li giet mixtrija direttament mis-socjeta` Turista Ltd. u CB5, hu kien iffirma ghan-nom ta' Ingliz, izda

---

2 Seduta tal-25 ta' Settembru 1998.
3 Seduta tal-14ta' Jannar 2002.
4 Seduta tal-14 ta' Jannar 2002; Seduta tal-21 ta' Marzu 2002.

sussegwentement kien imgieghel jixtriha hu, *stante* li kien att ta’ bejgh mhux ta’ konvenju, izda meta deher ghall-kuntratt dehret “Turista Ltd.”, u dan kien wara l-mewt ta’ l-omm.

**Francis Cachia** xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, (fol 275-276) (fol 279)[5] qal li kopja tad-denunzja hi Dok DC, u ma jistax jaghti informazzjoni, u wara li tkellem mad-Direttur, qal li ma jistax jitkellem fuq l-ebda figura u fuq dak li jirrizulta mid-denunzja.

**Catherine Fenech**, (fol 453)[6] rapprezentanta tal-HSBC Bank, u mir-ricerki li saru qalet li ma kien hemm l-ebda kontijiet f’isem Marianna Bonello u Julian Bonello, u lanqas f’isem is-socjetajiet Wembley Motors u Turista Ltd.

**Maria Teresa Busuttil**, (fol 455)[7] rapprezentanta tal-BOV qalet li mir-ricerka li marret lura sal-1979 ma nstab l-ebda kont f’isem Marianna Bonello u Julian Bonello u lanqas f’isem is-socjetajiet Wembley Motors u Turista Ltd.

Illi apparti dawn il-provi, jidher li din il-kawza giet ittraxxinata ghall-tul konsiderevoli ta' snin (28 sena) minghajr l-ebda progress sostanzjali. L-uniku pass konkret li sar kien fin-nomina tal-Perit Alan Saliba, li kemm fl-ewwel rapport tieghu, kif ukoll fit-tieni rapport, wasal ghall-valutazzjoni, likwidazzjoni u prospett ta' divizjoni li jindirizzaw it-talbiet tal-attrici.

---
[5] Seduta tat-13 ta’ Mejju 2002; Seduta tal-1 ta’ Lulju 2002.
[6] Seduta tal-5 ta’ Ottubru 2004
[7] Seduta tal-5 ta’ Ottubru 2004

**L-ewwel eccezzjoni preliminari u t-talba ghall-element kostituzzjonali.**

Il-Qorti ser tittratta din l-eccezzjoni u l-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-aspett purament storiku ghall-kompletezza, billi, kif jirrizulta, l-eccezzjoni giet sorvolata u l-kwistjoni kostituzzjonali, ghalkemm mhux formalment irtirata, gie ddikjarat li ma ghadx hemm interess fiha.

Illi kien gie eccepit mill-intimati, li peress li t-taxxa tas-successjoni tad-decujus Marianna Bonello ghadha mhijiex likwidata, b’hekk mhijiex imhallsa t-taxxa a tenur tal-artikolu 41(2) tal-Att tal-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni, l-azzjoni odjerna hija intempestiva.

In segwitu ghal din l-eccezzjoni preliminari, l-attrici ipprezentat nota ghat-talba taghha sabiex tigi investigata minn din il-Qorti l-kostituzzjonalita` *o meno* tal-artikolu 40 tal-Kap 239 *in vigore* dak iz-zmien (a fol 106-107 tal-process). Illi fl-istess nota tal-attrici gie rilevat, li l-imsemmi artikolu tal-ligi gie abrogat permezz tal-att numru XVI tal-1993, izda l-effetti tieghu baqghu fis-sehh fir-rigward ta’ denunzji ta’ successjoni dwar imwiet li sehhew qabel il-1993, bhal fil-kaz in ezami.

Sussegwentement, il-kjamati in kawza il-Prim Ministru, l-Ministru tal-Finanzi u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezentaw ir-risposta taghhom, a fol 124, fejn fil-mertu tal-kwistjoni, kien gie sostnut, li l-attrici mhijiex

necessarjament marbuta li thallas it-taxxa in kwistjoni izda hija obbligata li tinforma lill-Kumissarju tat-Taxxi Interni bl-intenzjoni taghha li tipprocedi bil-kaz fil-Qorti. Illi kien gie spjegat li l-artikolu 40 li kien vigenti dak iz-zmien kien redatt f'termini ragonevoli u huwa necessarju u proporzjonali ghall-iskop legittimu li kien intiz ghalih, kwindi gie sottomess, li t-talba tar-rikorrenti dwar il-kostituzzjonalita` *o meno* ta' dan l-artikolu li kien vigenti, hija infondata, frivola u fiergha.

**Illi rrizulta mill-verbal datat 25 ta' Frar 2013, li l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li m'ghadx fadal interess fuq it-talba ghall-element kostituzzjonali (fol 106). Ghalhekk, il-kjamat in kawza qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Konsegwentement, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ta' l-attrici surreferita.**

Referibbilment ghall-eccezzjoni preliminari sollevata, jigi ritenut, li l-artikolu 40 tal-Kap 239, li gie abrogat, kien intiz principalment biex tigi protetta t-taxxa li ghandha tithallas f'kazijiet ta' successjoni bhal dawn. Madankollu, rigward dak allegat mill-attrici fil-premessi, fejn hi qed tilmenta li giet privata mit-tgawdija tal-wirt ta' ommha peress li hutha bhala co-eredi, hbew minnha biex jippregudikaw lill-istess attrici, l-attrici ghandha d-dritt tipprocedi b'kaz civili bhal kaz in ezami sabiex hija titlob id-drittijiet taghha *qua* eredi. Illi l-Qorti ghandha wara ezami akkurat tal-atti tal-kaz,

tiddetermina jekk ghandhiex id-dritt ghas-sehem mill-wirt ta' ommha Marianna Bonello, kif mitlub mill-istess attrici.

**Ghaldaqstant, it-talba odjerna mhijiex intempestiva. Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimati.**

**Rapporti tal-Perit Alan Saliba**.

B'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Frar 2001, gie nominat il-Perit Alan Saliba bhala perit arkitett (fol 175 ) u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 470 *et sequens* tal-process.

Fir-rapport tieghu a fol 470, il-Perit Saliba ta valutazzjoni tal-hdax il-proprjeta` mertu tal-vertenza in ezami kif gej:

1. 50, Wembley Garage, Triq San Gorg, San Giljan. (Lm225,000).

2. Garaxx, Triq Rose, San Giljan (Lm42,000).

3. The Keating House, Triq Ross, San Giljan (Lm410,000)

4. 126, Wembley Court, appartmenti 5-8 Triq Sant Antnin San Gwann (Lm118,000) cioe` Lm30,000 kull appartament fl-ewwel sular, Lm29,000 kull appartament fit-tieni sular stmati bhala liberi u franki.

5. 124/128, Triq Sant Antnin, San Gwann (Lm84,000)

6. 109/113, Triq Sant Antnin, San Gwann (Lm134,000)

7. 111, Julian Flats, Appartamenti 1-2 Triq Sant Antnin San Gwann (Lm84,000) ossia Lm42,000 kull appartament stmat bhala liberi u franki.

8. 69, Wembley Court, Appartamenti 1-4 Triq il-Kapuccini San Gwann (Lm118,000) cioe` Lm30,000 kull appartament fl-ewwel sular, Lm29,000 kull appartament fit-tieni sular, stmati bhala liberi u franki.

9. 67/71 Triq il-Kapuccini San Gwann (Lm82,000) - zewg garaxxijiet konnessi.

10. 90, Maryanne Court, Appartamenti 1-4 Triq Santa Margerita, San Gwann (LM150,000) cioe` Lm38,000 kull appartament fl-ewwel sular, Lm37,000 kull appartament fit-tieni sular, stmati bhala liberi u franki.

11. 88/92, Triq Santa Margerita, San Gwann (Lm144,000).

F'rapport ulterjuri sabiex *"jirrelata formalment jekk il-wirt hux komodament divizibbli, u f'kaz affermattiv jaghmel proposta ta' qasma b'assenjazzjoni*", il-Perit Saliba kkonkluda hekk, wara li anke elenka l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Bonello. Fil-konkluzjoni, il-Pert Tekniku kkonkluda li l-assenjazzjoni tal-wirt ta' Marianna Bonello ghandha tkun kif gej, bl-ekwiparazzjonijiet dovuti indikati wkoll.

**PJAN TA' DIVIZJONI RELATAT MILL-PERIT ALAN SALIBA (Rapport Addizzjonali fol 544-557 tal-process):**

| Isem | Beni | Valur | Total € |
|---|---|---|---|
| **(1)Antoinette** | ½ Flat 2,Wembley Court | | 34,940.60 |
| | Donazzjoni | | 931.75 |
| **Ekwip.** | Minghand Carmel | | 120,152.79 |
| | | | **156,025.14** |
| **(2)Carmel** | 1/10 Wembley Garage | | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx Triq Ross | | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St.Antnin | | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St.Antnin | | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71Triql-Kapuccini | | 19,100.86 |
| | 1/1088/92Triq Sta Margerita | | 33,542.98 |
| | ½ Flat 4 Maryanne Court | | 43,093.41 |
| **Ekwip.** | Lil Antoinette | | (120,152.79) |
| | Lil Mary | | (28,038.24) |
| | | | **156,025.14** |
| **(3)Joseph** | 1/10 Wembley Garage | | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx, Triq Ross | | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St. Antnin | | 19,566.74 |
| | 1/10 109/13 Triq St.Antnin | | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | | 19,100.86 |

| | | |
|---|---|---|
| | 1/10 88/92 Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat1 Wembley Court | 34,940.60 |
| **Ekwip**. | Lil Mary | (80,855.91) |
| | Lil Irene | (59,182.31) |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(4)Mary** | 1/2 Flat 6 Wembley Court | 34,940.60 |
| | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | Donazzjoni | 931.75 |
| **Ewkip** | Minghand Carmel | 28,038.24 |
| | Minghand Joseph | 80,855.91 |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(5)Emmanuel** | 1/10 Wembley Garage | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx Triq Ross | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St.Antnin | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St.Antnin | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | 19,100.86 |
| | 1/10 88/92 Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat 1 St Julian Flats | 48,916.84 |
| **Ekwip.** | Lil Rita | (108,894.15) |
| | Lil Irene | (35,735.60) |
| | Lil Helen | (9,384.71) |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(6) Rita** | 1/2 Flat 5 Wembley Court | 34,940.60 |
| | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | Donazzjoni | 931.75 |
| **Ewkip** | Minghand Emmanuel | 108,894.15 |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(7)Irene** | 1/12 Flat 7 Wembley court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 2 Julian Flats | 48,916.84 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley court | 5,629.32 |
| | Donazzjoni | 931.75 |
| **Ekwip.** | Minghand Joseph | 59,182.31 |
| | Minghand Emmanuel | 35,735.60 |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(8) Helen** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 3 Maryanne Court | 43,093.41 |
| | Ghamara/cash | 434.43 |
| **Ekwip.** | Minghand Emmanuel | 9,384.71 |
| | Minghand Julian | 45,926.98 |
| | Minghand Pierre | 45,926.98 |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(9) Theresa** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 2 Maryanne Court | 44,258.09 |
| **Ekwip.** | Minghand Julian | 100,508.40 |
| | | **156,025.14** |

| | | |
|---|---|---|
| **(10)Doreen** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 1 Maryannae Court | 44,258.09 |
| **Ekwip**. | Minghand Pierre | 100,508.40 |
| | | **156,025.14** |
| **(11) Julian** | 1/10 Wembley Garage | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx, Triq Ross | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St Antnin | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St. Antnin | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | 19,566.74 |
| | 1/10 88/92Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat3 Wembley Court | 33,775.91 |
| | ¼ shares | 38,270.44 |
| | ¼ dejn | (30,708.59) |
| **Ekwip.** | Lil Theresa | (100,508.40) |
| | Lil Helen | (45,926.98) |
| | | **156,025.14** |
| **(12) Pierre** | 1/10 Wembley Garage | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx Triq Ross | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St Antnin | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St Antnin | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | 19,100.86 |
| | 1/10 88/92 Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat 8 Wembley Court | 33,775.91 |
| | ¼ shares | 38,270.44 |
| | ¼ dejn | (30,708.59) |

| | | |
|---|---|---|
| **Ekwip.** | Lil Doreen | (100,508.40) |
| | Lil Helen | (45,926.98) |
| | | **156,025.14** |
| **TOTAL** | | **€1,872,301.68** |

Illi saret talba ghal periti perizjuri, u gew anke nominati t-tliet periti addizzjonali mill-Qorti, kif diversament presjeduta. Izda, ma sar l-ebda access u rapport tal-periti perizjuri, *stante* li ghal zmien twil il-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Jirrizulta li Marianna Bonello mietet intestata fl-20 ta' Jannar 1979 u dak iz-zmien wirtuha zewgha u uliedha.

Illi b'referenza ghall-immobbli formanti parti mill-wirt ta' Marianna Bonello u tal-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejnha u bejn zewgha Julian Bonallo, gie mahtur il-Perit Alan Saliba li vvaluta l-elenku ta' immobbli imsemmija fir-rapport tieghu, b'mod individwali, kif elenkat aktar 'il fuq kif ukoll, bir-rapport addizzjonali tieghu, hejja pjan ta' divizjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici, gie sottomess li l-Qorti fid-dixxernament taghha ghandha taghti piz lill-konkluzjonijiet tal-espert tal-Qorti.

Illi l-intimati qed jopponu ghall-pjan ta' qasma kif redatt mill-perit nominat mill-Qorti. Ir-raguni principali ghall-oppozzizzjoni ghall-pjan ta' qasma, li nghatat hija li uhud mill-partijiet iridu johorgu ammonti ta' flus sostanzjali biex

isir l-ekwiparazzjoni skont il-pjan ta' qasma kif imhejji u redatt mill-Perit Saliba. Ghalkemm, l-intimati sostnew li mhumiex jaqblu mal-konkluzjoni tal-Perit nominat mill-Qorti, jigi osservat li l-intimati ma komplewx bl-inkarigu tal-periti perizjuri, wara li dawn gew nominati mill-Qorti. Illi in segwitu l-intimati sostnew l-argumenti taghhom biss permezz ta' l-eskussjoni u n-nota ta' sottomissjonijiet.

F'dan il-kuntest, tajjeb jinghad, li huwa minnu li l-Qorti mhijiex marbuta li tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit minnha mahtur, kontra l-konvinzjoni taghha, hekk kif jirrizulta mill-**artikolu 681 tal-Kap 12**. Madankollu skont l-insenjament tal-gurisprudenza, dan ma tistax taghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja trid tkun ibbazata fuq ragunijiet li jpoggu fid-dubju l-opinjoni teknika sottomessa mill-Perit tekniku. Fi kliem iehor, il-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli. - App Civili **Bugeja vs Muscat et**, deciza fit-23 ta' Gunju 1967; **Dominic Farrugia et vs Joseph Muscat et**, P.A. deciza fl-20 ta' April 2010.

Difatti, saret referenza ghall-kaz **Louis Gauci vs Angela Attard**, P.A.(19/1992/1) - 9 ta' Dicembru 2002, fejn inghad li

*"…….il-giudizio dell'arte espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtigilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawk l-elemeti assodanti li jwasslu ghall-konvinciment."* .....Inoltre

*"Il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova, opinjoni li ghandha valur probatorju daqs kull prova ohra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tigix kontrastata jew bi provi ohra li jikkontradicuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzaw bhala wahda mhux attendibbli u kredibbli.*"

Dwar il-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku, l-Qorti tal-Appell fil-kaz **Calleja vs Mifsud**, irriteniet:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kintix obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra, pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolineat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja.* (*Ara* ***Philip Grima vs Carmelo Mamo****, Appell Civili deciz 29 ta' Mejju 1998;* ***Anthony Cauchi vs Carmelo Mercieca****, Appell Civili deciz fis-6 ta' Ottubru 1999,* ***John Saliba vs Joseph Farrugia****, Appell Civili deciz fit-28 ta' Jannar 2000,* ***Sammy Tabone vs Carmel Tabone****, Appell Civili deciz fil-5 ta' Ottubru 2001;* ***Spiteri Tiles Ltd. vs Raymond Borg****, P.A. deciza fit-28 ta' Frar 2002). B'danakollu dan ma jfissirx li l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa*

*u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kinitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

Madanakollu filwaqt li tabbraccja l-istejjem rapportati mill-Perit Tekniku billi dawn huma ta' natura teknika, il-pjan ta' qasma ghandu jigi ezaminat fl-isfond tal-principji giuridici li jirregolaw l-istitut ta' divizjoni.

Ikkonsidrat li ghal dak li jirrigwarda l-pjan ta' qasma tal-Perit Saliba, dan jizgura li l-valur ekonomiku tal-assi ereditarji ma jigix diminizzat, b'mod li ma tigix arrekata hsara lill-partijiet. Skont il-principji l-aktar assodati fil-gurisprudenza taghna, meta jsir pjan ta' qasma, jehtieg li titnissel ripartizzjoni ugwali. (**Kollez. Vol XXXVIII pI p105**).

Ghaldaqstant, l-istima u l-valur tal-porzjonijiet ghandhom jigu ffissati b'mod li ma tigix ikkawzata hsara lill-partijiet ikkoncernati. B'hekk, huwa imperattiv illi l-ekwiparazzjoni ma tkunx oneruza sabiex ma tigix znaturata l-funzjoni taghha. (**Kollez Vol. XLV.Pi.p98**).

L-awtur **Duvergier** sostna li l-ekwiparazzjoni hi vendita` forzuza u allura, in bazi ghal din il-veduta, gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-ekwiparazzjoni ma kellhiex tkun "<u>molto considerevole</u>". Kollez Vol III p322 jew esagerata u sproporzjonata (**Kollez, Vol. XXXIII pII p214**).

F'kazijiet bhal dawn gie sostnut li l-Qorti mhi marbuta bl-ebda mod mas-suggerimenti maghmula mill-perit (Kollez. Vol. XLV PI p98) u allura fejn l-ekwiparazzjoni tkun

konsiderevoli gie ritenut li l-Qorti ma tistax taccetta l-pjan ta' qasma u jkollha taqa' fuq ir-rimedju inevitabbli tal-licitazzjoni biex tispicca l-komunjoni bejn il-komproprjetarji (Kollez. Vol. XXXIV PI p307). (Ara **Rev. Dun Gusepp Frendo vs Francesco Saverio Frendo et**, P.A. (15/1996/1) deciza fit-30 ta' Gunju 2005.

F'dan il-kuntest, huwa relevanti l-kaz **Nicholas Jensen Testaferrata noe vs in-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono**, deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2005, fejn gie ritenut li meta d-divizjoni timporta sproporzjon konsiderevoli fil-kwoti, li jgib in-necessita' ta' ekwiparazzjoni eccessiva[8], fejn id-divizjoni tinbidel f'bejgh furzat, u mill-banda l-ohra taggrava izjed lil min ikollu ihallas l-ekwiparazzjoni.

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-intimati ma rnexxielhomx jikkontrastaw il-konkluzjoni peritali ghas-soddisfazzjon taghha. Il-pjan imhejji mill-Perit huwa aktar ekwu ghall-kondividendi kollha ghalkemm suggett ghall-hlas tal-ekwiparazzjoni suggerita.

Kif diga inghad l-ilment tal-intimati kif sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, huwa fis-sens li f'divizjoni ta' wirt tal-valur ta' €3,745,032, il-koproprjetarji jridu jhallsu ammont komplessiv rapprezentanti kwint u cjoe` (20%) tal-valur intier tal-assi ereditarji f'ekwiparazzjoni. Illi meta jigi kkunsidrat in-numru ta' werrieta, u n-numru ta' proprjetajiet, fosthom li qed jintuzaw ghall-skopijiet kummercjali, u l-ekwiparazzjoni kif elenkata fil-konkluzjoni tar-rapport

[8] R. Fleri et vs G. Portelli et, P.A. deciza fit-2 ta' Marzu 1959.

ulterjuri tal-Perit Alan Saliba, ma jidhirx li hemm ekwiparazzjoni sproporzjonata.

Fil-kaz odjern, hemm numru ta' immobbli b'valur sostanzjali komplessiv li jrid jigi ripartit bejn tnax-il eredi. Dawn jinkludu beni kummercjali, appartamenti u ishma. Fil-pjan propost, min qed jigi mghobbi bil-hlas ta' ekwiparazzjoni qed jircievi beni immobbli b'valur oghla mill-ohrajn li jinkludu assi ta' natura kummercjali. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ammonti li qed jiggravaw uhud mic-cipep mhuwiex sproporzjonat ghas-sehem ta' immobbli li ser jigi assenjat lil dawk ic-cipep fil-pjan ta' qasma.

Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku u taddottahom fl-intier taghhom.

Illi gie sottomess mill-intimati, kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet, u fit-trattazzjoni, li l-mertu tal-kaz odjern bit-talbiet kif dedotti huwa ezawrit, *stante* li fil-mori tal-kaz miet Julian Bonello missier l-attrici u halla legati *di cosa altrui* tal-immobbli kollha in divizjoni, inkluz is-sehem appartenenti lil wirt ta' martu premorjenti. Ghalhekk, qed jigi sostnut, mill-intimati, li l-proprjeta` li sa qabel il-mewt ta' Julian Bonello kienet tappartjeni lill-ahwa Bonello, bil-mewt ta' missierhom saret proprjeta` diviza tal-legatarji, kwindi qed jigi sostnut li l-proprjeta` immobiljari mertu ta' dan il-kaz m'ghadux in komun bejn il-partijiet u ghalhekk ma tistax tifforma parti mid-divizjoni f'dan il-kaz.

Jigi osservat, li l-kaz odjern gie istitwit fl-1980 u t-talbiet huma mmirati ghall-qsim tal-wirt tad-defunta Marianna Bonello u mhux ta' Julian Bonello. Jigi nnutat, li l-intimati ressqu dan l-argument taghhom fl-ahhar ta' dawn il-proceduri permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet konklussiva, minghajr ma pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fil-mori, kif kellhom id-dritt li jaghmlu. Lanqas ma saru talbiet da parti tal-intimati sabiex il-Qorti tissospendi l-proceduri odjerni minhabba r-ragunijiet li qed jigu issa rilevati lejn l-ahhar ta' din il-procedura. Fl-ahhar snin, id-differimenti li ntalbu kienu intizi unikament ghal fini ta' transazzjoni bejn il-partijiet, liema transazzjoni ma sehhietx. Ikkunsidrat, li l-fatt li missier il-kontendenti miet testat u halla legati, ma jfissirx li l-mertu tal-kaz odjern huwa ezawrit, proprju ghaliex il-wirt ta' Marianna Bonello ghad ma nqasamx, kif mitlub fil-kaz odjern u hija din it-talba li targina l-indagni ta' din il-Qorti. Kif tajjeb sostnut mill-attrici, l-attrici bhala wahda mill-werrieta ta' ommha Marianna Bonello hija wkoll propretarja ta' dawk l-assi ereditarji, kwindi ladarba ghad ma sar l-ebda trasferiment tal-assi ereditarji, il-proprjetarji tal-legati *di cosa altrui*, naxxenti mit-testment ta' Julian Bonello datat 23 ta' Lulju 1976, jibqghu ma jsirux il-proprjetarji qabel isir it-trasferiment dovut.

Kif tajjeb gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici, il-materja tal-vertenza in ezami ghandha tigi rizolta skont dak indikat fil-kawzali ta' dawn il-proceduri, kif fil-fatt huwa insenjat fil-gurisprudenza nostrana. Din il-Qorti taqbel mar-referenzi li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet ta'

l-attrici f'dan ir-rigward. Din il-Qorti ma tistax tiehu post parti f'kawza u tipprovdi ghal xi haga li ma ntalbitx. Illi fil-kaz **Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi**, inghad:

*"……il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta, u xejn izjed."*

Fil-kawza **Grobett Holdings Ltd. vs Abela pro et noe**, Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-10 ta' Ottubru 2005, gie ribadit:

*"Huwa principju maghruf illi fl-ghoti ta' sentenza l-Imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni."*

Fid-dawl tas-suespost, "*mhux lecitu allura, li l-Qorti tmur lil hinn mit-talba, ghax is-sentenza trid tirrispekkja biss dak li gie mitlub."* (Ara **Edwin Cilia vs Carmela Cilia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2012).

**<u>TALBIET ATTRICI:</u>**

**I – L-Ewwel Talba Attrici – Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

Ghaldaqstant, ghall-fini tal-ewwel talba attrici tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunta Marianna Bonello u zewgha illum defunt Julian Bonello.

| **Immobbli** | **Valur LM** |
|---|---|
| 50 Wembley Garage Triq San Gorg San Giljan | Lm225,000 |
| Garaxx Tiq Ross San Giljan | 42,000 |
| The Keating House Triq Ross San Giljan | 410,000 |
| 126 Wembley court Triq St Antnin San Gwann | (5) 30,000 |
| | (6) 30,000 |
| | (7) 29,000 |
| | (8) 29,000 |
| 124/128 Triq St Antnin San Gwann | 84,000 |
| 109/113 Triq St. Antnin San Gwann | 134,000 |
| 111 Julian Flats Triq St Antnin San Gwann | (1) 42,000 |
| | (2) 42,000 |
| 69, Wembley Court Triq il-Kapuccini San Gwann | (1) 30,000 |
| | (2) 30,000 |
| | (3) 29,000 |
| | (4) 29,000 |
| 67/71 Triq il-Kapuccini San Gwann | 82,000 |
| 90, Maryanne Court Triq Sta Margherita San Gwann | (1) 38,000 |
| | (2) 38,000 |
| | (3) 37,000 |
| | (4) 37,000 |
| 88/92 Triq Sta Margerita San Gwann | 144,000 |
| **Total** | **Lm1,591,000** |

**Ishma**

| | |
|---|---|
| Ishma f'Wembley Motors Ltd u f'Turista Ltd | 65,718 |
| **Flus kontanti** | 327 |
| **Ghamara** | 453 |
| **Donazzjonijiet f'doti** | 3,2000 |
| **Dejn** | ( 52,732.793) |
| **Total:** | **Lm1,607,965.207** |
| **Nofs (1/2)** | **LM 803,982.61** |

Minn dan in-nofs ghandu jitnaqqas l-ispejjez tal-funeral tad-defunta Marianna Bonello, cioe` Lm203.50[9].

B'hekk il-valur nett tas-sehem ta' nofs (1/2) mill-assi appartenenti lill-eredita' ta' Marianna Bonello jammonta ghall-**Lm803,779.104**

**It-Tieni Talba**

*Stante* li l-beni fuq elenkati u d-dejn relattiv jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-decujus u Julian Bonnici, ghalhekk tordna li nofs indiviz (1/2) jigi assenjat lill-lill-istess Julian Bonello u n-nofs l-iehor lill-attrici u l-hdax-il konvenut, iIkoll ahwa Bonello indaqs bejniethom.

[9] Denunzja tas-successjoni fol 565.

**Ghaldaqstant il-valur totali tal-eredita' ta' Marianna Bonello[10] huwa ta' Lm803,779.104 ossia €1,872,301.68[11]** Dan il-valur ghandu jigi ripartit bejn it-tnax-il ahwa Bonello.Il-valur ta' kull sehem huwa **€156,025.14**

**II – It-Tielet u r-Raba' Talbiet attrici. Divizjoni u assenjazzjoni tal-massa ereditarja kif elenkata taht il-kap intestat "Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti".**

Referibbilment ghat-tielet u r-raba' talba, din il-Qorti, kif diga enuncjat aktar qabel ser toqghod fuq id-divizjoni kif imhejjija mill-Perit Tekniku u tordna d-divizjoni ta' tnax-il parti ugwali ta' l-imsemmija nofs il-massa ereditarja li kienet tappartjeni lil Marianna Bonello, billi jigi assejnat dodecizima parti (1/12) kull wiehed lill-attrici u lill-konvenuti hutha, skont kif imsemmi u elenkat aktar 'il fuq it-tabella kif dettaljata fir-rapport tal-Perit Saliba bil-partijiet kollha imsemmija individwalment, kif ukoll l-ekwiparazzjonijiet ghandhom isiru kif hemmhekk indikati.

A skans ta' ekwivoku ser tirriproduci l-pjan ta' qasma kif relatat mill-Perit Alan Saliba li qed jigi addottat fl-intier tieghu:

**PJAN TA' DIVIZJONI RELATAT MILL-PERIT ALAN SALIBA (Rapport Addizzjonali fol 544-557 tal-process):**

[10] Wara t-tnaqqis tal-ispejjez tal-funeral.
[11] Rapport addizzjonali tal-Perit Alan Saliba a fol 550.

| Isem | Beni | Valur | Total € |
|---|---|---|---|
| **(1)Antoinette** | ½ Flat 2,Wembley Court | | 34,940.60 |
| | Donazzjoni | | 931.75 |
| **Ekwip.** | Minghand Carmel | | 120,152.79 |
| | | | **156,025.14** |
| **(2)Carmel** | 1/10 Wembley Garage | | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx Triq Ross | | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St.Antnin | | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St.Antnin | | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71Triq l-Kapuccini | | 19,100.86 |
| | 1/10 88/92Triq Sta Margerita | | 33,542.98 |
| | ½ Flat 4 Maryanne Court | | 43,093.41 |
| **Ekwip.** | Lil Antoinette | | (120,152.79) |
| | Lil Mary | | (28,038.24) |
| | | | **156,025.14** |
| **(3)Joseph** | 1/10 Wembley Garage | | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx, Triq Ross | | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St Antnin | | 19,566.74 |
| | 1/10 109/13, Triq St.Antnin | | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | | 19,100.86 |
| | 1/10 88/92 Triq Sta Margerita | | 33,542.98 |
| | ½ Flat 1 Wembley Court | | 34,940.60 |
| **Ekwip**. | Lil Mary | | ( 80,855.91) |
| | Lil Irene | | (59,182.31) |
| | | | **156,025.14** |
| **(4)Mary** | 1/2 Flat 6 Wembley Court | | 34,940.60 |

| | | |
|---|---|---|
| | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | Donazzjoni | 931.75 |
| **Ewkip** | Minghand Carmel | 28,038.24 |
| | Minghand Joseph | 80,855.91 |
| | | **156,025.14** |
| **(5)Emmanuel** | 1/10 Wembley Garage | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx Triq Ross | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St.Antnin | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St.Antnin | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | 19,100.86 |
| | 1/10 88/92 Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat 1 St Julian Flats | 48,916.84 |
| **Ekwip.** | Lil Rita | (108,894.15) |
| | Lil Irene | (35,735.60) |
| | Lil Helen | (9,384.71) |
| | | **156,025.14** |
| **(6) Rita** | 1/2 Flat 5 Wembley Court | 34,940.60 |
| | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | Donazzjoni | 931.75 |
| **Ewkip** | Minghand Emmanuel | 108,894.15 |
| | | **156,025.14** |
| **(7) Irene** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 2 Julian Flats | 48,916.84 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | Donazzjoni | 931.75 |
| **Ekwip.** | Minghand Joseph | 59,182.31 |
| | Minghand Emmanuel | 35,735.60 |

| | | |
|---|---|---|
| | | **156,025.14** |
| **(8) Helen** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 3 Maryanne Court | 43,093.41 |
| | Ghamara/cash | 434.43 |
| **Ekwip.** | Minghand Emmanuel | 9,384.71 |
| | Minghand Julian | 45,926.98 |
| | Minghand Pierre | 45,926.98 |
| | | **156,025.14** |
| **(9) Theresa** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 2 Maryanne Court | 44,258.09 |
| **Ekwip.** | Minghand Julian | 100,508.40 |
| | | **156,025.14** |
| **(10) Doreen** | 1/12 Flat 7 Wembley Court | 5,629.32 |
| | 1/12 Flat 4 Wembley Court | 5,629.32 |
| | ½ Flat 1 Maryanne Court | 44,258.09 |
| **Ekwip**. | Minghand Pierre | 100,508.40 |
| | | **156,025.14** |
| **(11) Julian** | 1/10 Wembley Garage | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx, Triq Ross | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St Antnin | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St. Antnin | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | 19,566.74 |
| | 1/10 88/92Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat3 Wembley Court | 33,775.91 |
| | ¼ shares | 38,270.44 |
| | ¼ dejn | ( 30,708.59) |

| | | |
|---|---|---|
| **Ekwip.** | Lil Theresa | (100,508.40) |
| | Lil Helen | (45,926.98) |
| | | **156,025.14** |
| **(12) Pierre** | 1/10 Wembley Garage | 52,410.90 |
| | 1/10 Garaxx Triq Ross | 9,783.37 |
| | 1/10 The Keating House | 95,504.31 |
| | 1/10 124/128 Triq St Antnin | 19,566.74 |
| | 1/10 109/113 Triq St Antnin | 31,213.60 |
| | 1/10 67/71 Triq il-Kapuccini | 19,100.86 |
| | 1/10 88/92 Triq Sta Margerita | 33,542.98 |
| | ½ Flat 8 Wembley Court | 33,775.91 |
| | ¼ shares | 38,270.44 |
| | ¼ dejn | (30,708.59) |
| **Ekwip.** | Lil Doreen | (100,508.40) |
| | Lil Helen | (45,926.98) |
| | | **156,025.14** |
| **TOTAL** | | **€1,872,301.68** |

Ghaldaqstant ser tilqa' it-tielet u r-raba' talbiet u tordna li l-beni likwidati ghall-fini tal-Ewwel Talba jigu divizi skont dan il-pjan imsemmi u l-assi jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-partijiet skont kif hawn fuq elenkat u kif soggett ghall-ekwiparazzjonijiet imposti fuq uhud mill-partijiet favur l-ohrajn skont ir-relazzjoni addizzjonali hawn rapportat.

Rigward it-tieni eccezzjoni tal-intimati, fil-mertu, kkunsidrat, li ladarba ma opponewx ruhhom ghat-talbiet attrici sabiex tiehu sehemha sakemm jitnaqqas l-ammont rapprezentanti d-dota ricevuta minnha, dak eccepit f'dan is-sens huwa

legalment gustifikat, kwindi l-attrici ghandha thallas l-ammont ta' Lm733.33 (11/12 ta' Lm800) ekwivalenti ghal €1708.20 lill-intimati bejniethom.

Illi l-attrici ssottomettiet fin-nota taghha li *stante* t-trapass ta' zmien u l-awment fl-indici tal-inflazzjoni mid-data tal-ahhar rapport peritali, li din il-Qorti ghandha tordna li l-ewkiparazzjoni likwidata mill-Perit Saliba ghandha tizdied almenu bir-rata ta' 26% (ir-rata ta' inflazzjoni mis-sena 2005 'il hawn).

Din il-Qorti ma tistax takkolji dan is-suggeriment. Il-valuri huma stabbiliti ghall-kondividendi kollha u jekk il-valuta monetarja gholiet, il-qasma xorta issir abbazi tal-istima tal-assi ereditarji fil-mument tal-apertura tas-successjoni. Il-qasma tinhadem b'referenza ghal dak il-mument fiz-zmien.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-intimati u takkolji t-talbiet ta' l-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni, u tilqa' t-tieni eccezzjoni referibbilment ghat-tnaqqis tad-dota ricevuta mill-attrici, tilqa' t-talbiet ta' l-attrici kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-likwidazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn id-defunta Marianna

Bonello u illum defunt Julian Bonello fl-assi immobbli u mobbli kif murija f' "**Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-akkwisti**."

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna d-divizjoni tal-massa ereditarja appartanenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, billi nofs (1/2) indiviz ghandu jigi diviz bejn l-attrici u l-hdax-il konvenuti kollha ahwa Bonello.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna d-divizjoni f' tnax-il parti ugwali kif sucitat u kif ordnata fil-pjan ta' qasma imhejji mill-Perit Tekniku Alan Saliba, skont kif murija fil-kap intestat "**PJAN TA' DIVIZJONI RELATAT MILL-PERIT ALAN SALIBA (Rapport Addizzjonali fol 544-557 tal-process)"** liema rapport addizzjonali qed jigi assunt bhala parti integrali minn din is-sentenza.

4. Tilqa' r-raba' talba u tassenja *per forza* ta' din is-sentenza, lill-attrici u lil kull wiehed u wahda mill-konvenuti ahwa Bonello il-porzjonijiet kif inhuma elenkati fil-pjan ta' qasma imsemmi, u tordna li jsiru l-ekwiparazzjonijiet u hlas tad-dejn kif elenkat fl-imsemmi pjan ta' divizjoni. Tordna wkoll lill-attrici tirrifondi l-ammont minn sehema l-ammont ta €1708.20 sabiex jigi ripartit bejn lill-intimati indaqs bejniethom rapprezentanti hlas ta' donazzjoni (dota u tieg).

**L-ispejjez jithallsu mill-partijiet f'porzjonijiet ugwali bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**